MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 127/2007

**Talba Nru: 127/07PBC**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) in rapprezentanza tas-socjeta' estera Societa' Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A. – S.I.A.T.**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u The Guard & Warden Service House Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' assigurattrici attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta'

erba’ mija w erba’ liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm404.18c) oltre l-interessi fuq din is-somma u l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u dan rapprezentanti spejjez legali u gudizzjarji inkorsi inutilment mis-socjeta’ attrici bhala assikurazzjoni tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EMA 047 per kawza ta’ traskuragni grassa u nuqqas ta’ professjonalita’ murija mill-konvenuti u l-ufficjali taghhom fil-qadi ta’ dmirijiethom meta fiz-zewg *Road Accident Reports* redatti separatament mill-konvenuti ta’ incident stradali li sehh fis-6 ta’ Mejju, 2004 fit-tlieta ta’ filghodu (3.00a.m) fi Triq San Pawl, Naxxar, Malta li fih kienet involuta l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EMA 047 u vettura ohra, d-dettalji tat-tieni vettura kif ukoll tal-persuna li kienet qeghda ssuq din it-tieni vettura gew indikati hazin. Is-socjeta’ attrici pprocediet legalment kontra persuni ndikati fir-rapport ghar-rizarciment tad-danni sofferti minnha u mill-assigurat taghha per kawza ta’ dan l-incident stradali, l-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u anki ottjeniet sentenza favur taghha u sussegwentement quddiem ic-Centru Malti ghall-Arbitragg, izda fiz-zewg kawzi rrizulta li l-persuni ndikati fir-rapporti kienu kompletament estranei ghall-incident.

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha wiegeb illi in linea preliminari l-azzjoni ta’ l-atturi hija preskritta fil-konfront ta’ l-esponenti. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi ma twettqet l-ebda traskuragni grassa u nuqqas ta’ professjonalita’ la mill-esponenti u lanqas mill-ufficjali tieghu. Illi fid-dawl tas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Il-kumpanija mharrka ma pprezentat l-ebda Risposta.

Permezz ta’ Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-22 ta’ Mejju, 2007 il-Kummissarju ndika l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili bhala dak li fuqu huwa qed jibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq imsemmija.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Carmelo Galea u ta’ PS226 Paul Bonanno.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Carmelo Galea ghall-atturi u ta' Dr Susan Sciberras ghall-Kummissarju tal-Pulizija.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-6 ta' Mejju 2004 kien hemm incident tat-traffiku fejn kien hemm involut Aldo Bonnett li huwa assigurat ma' Thomas Smith Insurance Agency Limited. Huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EMA 047. Skond ir-*Road Accident Report* li nhareg fl-10 ta' Mejju, 2004 il-karozza l-ohra giet indikata bhala li ghandha n-numru ta' registrazzjoni ABF 492 u s-sewwieq kien Paul Agius ID 666555(M) li joqghod 16, 'Emerald', Triq l-Ghajn Baqar, Naxxar. L-i*sketch* li gie anness ma' l-istess rapport juri li din il-vettura li ghandha n-numru ta' registrazzjoni ABI 492.

Skond ir-rapport ta' The Guard and Warden Service House Limited il-vettura li habtet ma' dik ta' Aldo Bonnett giet indikata bhala karozza bin-numru ta' registrazzjoni EBI 492 u li r-*registered owner* u d-driver huma Michael Attard ID 779959(M) ta' 'Casa Livia', Triq Sir Anton Burton, Mosta.

Jirrizulta illi sussegwentement il-kumpanija Thomas Smith Insurance Agency Limited ipprezentat proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Avviz 418/04) kontra Paul Agius u din il-kawza giet deciza favur taghha, izda wara li hija nterpellat lill-assigurazzjoni Montalto Insurance Agency Limited li skond ir-*Road Accident Report* kienet qeghda tkopri lill-assigurat indikat Paul Agius, permezz ta' ittra tat-28 ta' Novembru, 2005 mibghuta minn Gatt Frendo Tufigno Advocates tramite Dr Daphne Dodebier, l-istess agenzija assigurattrici nfurmat lill-avukat ta' l-attur illi din l-agenzija m'ghandha l-ebda klijent li jismu Paul Agius u ghalhekk ma kienetx f'pozizzjoni li taghmel tajjeb ghall-ammont mitlub fil-kawza Thomas Smith Insurance Agency Limited Vs Paul Agius (Avviz 418/04).

L-ispejjez ta' l-imsemmija procedura ammontaw ghal mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm287.17c).

Illi ghalhekk il-kumpanija attrici pprocediet biex intavolat proceduri ta' Arbitragg kontra Michael Attard li kien is-sewwieq indikat skond ir-rapport ta' The Guard and Warden Service House Limited. Jidher illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gie ndikat li wkoll kien hemm zball fir-rapport tal-Guard and Wardens billi fil-fatt in-numru korrett tal-vettura kien ABI 492 u li s-sewwieq ta' din il-vettura kien certu Joseph Ellul Bonici.

Illi fid-dawl tal-premess ghalhekk jidher car illi l-kumpanija attrici sstitwiet zewg proceduri differenti, kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati abbazi tar-*Road Accident Report* u arbitragg quddiem it-Tribunal ta' l-Arbitragg abbazi tar-rapport ta' The Guard and Warden Service House Limited.

Jidher car ukoll illi z-zewg rapporti kienu zbaljati u sahansitra f'dawn il-proceduri gie esebit il-*handwritten report* tal-kollizjoni u dan it-Tribunal ikollu jikkonfessa minn qari ta' dan id-dokument jidher li n-numru tal-vettura li tat lok ghall-problema ukoll taqra ABF…. ghalkemm huwa koncess illi fuq ir-*rough sketch* u anki fuq l-i*sketch* nadif, il-vettura hija ndikata bhala ABI.

Gie spjegat illi meta sar ir-rapport originali u ddahhlet fis-sistema tal-komputer tal-Pulizija, l-informazzjoni fis-sistema ddahlet hazin, pero' spjega wkoll illi sussegwentement, xi ghaxart ijiem wara huwa kkorega r-rapport originali, pero' sadanittant lahaq hareg ir-rapport li abbazi tieghu l-kumpanija attrici kienet intentat l-imsemmija proceduri.

It-Tribunal ezamina r-rapport li ghandu *print date* tal-10 ta' Mejju, 2004 a fol 16 sa 18 tal-process u f'dan ir-rapport id-*driver's details* huwa Paul Agius u l-vettura hija ABF 492. Fl-i*statement* taz-zewg sewwieqa l-vettura wkoll giet indikata tlett darbiet bin-numru ABF 492 u ghalkemm fl-i*sketch* hija veru ndikata bhala ABI 492, pero' dan it-

Tribunal huwa sodisfatt illi meta hareg ir-rapport fl-10 ta' Mejju, 2004 liema rapport gie debitament awtentikat mill-Pulizija tan-Naxxar, is-socjeta' attrici kienet sostanzjalment korretta li tibbaza l-pretenzjonijiet taghha skond il-kontenut dettaljat f'dan ir-rapport. Meta nhareg ir-rapport huwa ben saput illi sabiex wiehed jottjeni kopja tar-rapport irid ihallas ghaliha u ghalhekk il-Pulizija kellhom f'idejhom informazzjoni sufficjenti biex ikunu jafu min kien talab dan ir-rapport. Mill-ircevuta minnhom stess esebita jirrizulta li kien Aldo Bonnett stess li hallas.

Jekk verament saret korrezzjoni sussegwentement, il-Pulizija facilment setghu javzaw lill-Bonnett (li kien is-sewwieq l-iehor) li kien ottjena kopja tar-rapport b'din it-tibdila sabiex b'hekk tali nformazzjoni tkun tempestiva u jigu evitati problemi ohrajn. Il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati giet intavolata fil-5 t'Awissu, 2004 u cjoe' kwazi tlett xhur wara l-incident u certament, jekk verament ikollna nemmnu illi r-rapport gie korregut ghaxart ijiem wara, kien hemm zmien ampju sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija javza lis-socjeta' attrici b'dan it-tibdil u konsegwenti korrezzjoni ta' zball.

Illi ghalhekk huwa l-Kummissarju tal-Pulizija illi huwa responsabbili ghal dan in-nuqqas u ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza fil-Qorti tal-Magistrati fuq imsemmija.

Ghar-rigward tal-parti tat-talba fil-konfront ta' The Guard and Warden Service House Limited, kif gja' ntqal aktar 'il fuq, fit-*Traffic Accident Report Reference 3044/GWSHL*, id-driver tal-vettura EBI 492 (suppost kellha tkun ABI 492) kien indikat bhala Michael Attard u fil-fatt jidher illi fl-20 t'Ottubru, 2005 il-kumpanija attrici ntavolat proceduri quddiem ic-Centru Malti ta' l-Arbitragg kontra Michael Attard izda dawn il-proceduri kellhom jigu rtirati wara li hija giet infurmata illi effettivament is-sewwieq tal-vettura ABI 492 kien effettivament Joseph Ellul Bonici u mhux Michael Attard u l-ispejjez totali ta' dawn il-proceduri huma fl-ammont ta' erbgha u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm64.75c). Huwa evidenti wkoll illi l-imsemmija proceduri bl-Arbitragg saru inutilment

unikament minhabba l-izball li ghamlet il-kumpanija konvenuta fir-rapport fuq imsemmi u ghalhekk bhala tali ghandha taghmel tajjeb ghad-danni rizultanti lis-socjeta' attrici li giet indotta li taghmel tali proceduri minhabba l-izball maghmul mill-istess kumpanija.

Ma' 'l fuq imsemmija zewg ammonti, s-socjeta' attrici qeghda tesigi l-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm25.62c) u tmintax-il lira Maltin (Lm18) bhala VAT fuq iz-zewg ammonti rispettivi dovuta fuq id-drittijiet ta' l-Avukat u Prokuratur Legali u dawn ukoll jidhru gustifikati biex b'hekk it-talba fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija ggib total ta' tlett mija u tnax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm312.62c) u dik fil-konfront ta' The Guard and Warden Service House Limited iggib total ta' wiehed u disghin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm91.39c), total ta' erba' mija w erba' liri Maltin u centezmu (Lm404.01c) li huwa ftit centezmi anqas mill-ammont mitlub f'din il-kawza.

Il-Kummissarju tal-Pulizija qieghed iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u jsostni li l-perjodu li minnu ghandu jibda z-zmien ghal finijiet ta' preskrizzjoni ghandu jkun dakinhar ta' l-incident u cjoe' s-6 ta' Mejju, 2004.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-preskrizzjoni tista' tibda tiddekorri biss minn dakinhar li l-azzjoni setghet tigi ntavolata u f'dan il-kaz jidher car illi l-azzjoni odjerna setghet biss tigi ntavolata minn dakinhar li l-kumpanija attrici saret taf li giet indotta bl-izball.

L-abbli avukat tal-Kummissarju tal-Pulizija targumenta illi billi l-i*sketch* li kien anness mar-*Road Accident Report* kien juri bic-car in-numru tal-vettura, s-socjeta' attrici setghet facilment tinduna li dan in-numru ma kienx jaqbel mar-*Road Accident Report* u kienet fl-obbligu li tavza lill-Kummissarju tal-Pulizija b'dan l-izball. Targumenta ghalhekk illi minn dak il-mument hija kienet taf jew almenu jekk ma ndunatx missha kienet taf b'dan l-izball u ghalhekk il-preskrizzjoni kellha tibda tiddekorri minn dakinhar stess. It-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-

sottomissjoni u dan billi r-*Road Accident Report* ripetutament isemmi l-vettura bhala ABF 492 u ghalhekk is-socjeta' attrici kienet gustifikata li temmen li dan kien in-numru korrett. Inoltre, l-Kummissarju tal-Pulizija ghalkemm kien jaf li kien hemm zball fir-rapport originali, naqas milli javza tempestivament lis-socjeta' attrici u konsegwentement it-Tribunal huwa tal-fehma li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li s-socjeta' attrici giet infurmata bl-izball u cjoe' bl-ittra fuq imsemmija ffirmata minn Dr Daphne Dodebier fit-28 ta' Novembru, 2005. Il-kawza odjerna giet intavolata fit-12 ta' Frar, 2007 u cjoe' entro t-terminu ta' sentejn imsemmi fl-Artikolu tal-preskrizzjoni fuq imsemmija li jfisser ghalhekk li l-kawza saret fiz-zmien u li m'hijiex preskritta u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda.

Finalment il-Kummissarju tal-Pulizija jargumenta wkoll illi jekk hemm responsabbilta' da parti tieghu, hemm element ta' kontributorjeta' tas-socjeta' attrici minhabba l-fatt illi hija missha ndunat bl-izball kieku ezaminat l-i*sketch* u r-*Road Accident Report* fid-dettal u li dawn ma kienux jaqblu ma' xulxin.

It-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni u dan billi huwa normali li wiehed jibbaza pretenzjonijiet gudizzjarji fuq il-parti iskritta tar-*Road Accident Report* apparti l-fatt illi fuq l-i*sketch* m'hemmx dettalji ta' isem, ID Card u l-*particulars* tas-sewwieq koncernat u anki jekk ghall-grazzja ta' l-argument wiehed kellu jikkoncedi illi s-socjeta' attrici kellha tinduna bid-differenza fin-numru, dan ma jbiddel xejn mill-fatt illi l-unika isem tas-sewwieq li kien jidher fir-*Road Accident Report* u fl-i*sketch* huwa dak ta' Paul Agius li kien proprju l-imharrek fil-kawza originali ntentata mis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija. Jichad l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija. Jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu

(Lm312.62c) u jikkundanna lil The Guard and Warden Service House Limited sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u disghin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm91.39c).  L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu kwantu ghal kwart (1/4) ghal The Guard and Warden Service House Limited u tlett kwarti (3/4) ghall-Kummissarju tal-Pulizija.  L-interessi fuq l-ammonti rispettivi ghandhom jibdew jiddekorru mit-2 t'Ottubru, 2006 li hija d-data ta' l-ittra ufficjali li giet intavolata qabel ma bdew il-proceduri odjerni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------